PARLAMENT TA' MALTA

# IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1520

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 103 tat-23 ta' April 2018 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

___________________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**PETIZZJONIJIET PARLAMENTARI**

**11. L-ONOR MARIO GALEA JISTAQSI LILL-ISPEAKER:** Fid-dawl ta' storja li dehret fuq it-Times *on-line* nhar il-Ħadd, 22 ta' April 2018 li xi nies qed isibuha diffiċli biex jiffirmaw il-petizzjoni kontra l-emendi l-ġodda fil-liġi tal-embrijuni, liema petizzjoni qiegħda *on-line* fil-*website* tal-Parlament, jista' l-Ispeaker ġentilment jgħid meta sar jaf b'dawn il-problemi?

X'għamel jew x'inhu jagħmel dwarhom? Ġiet riżolta s-sitwazzjoni s'issa?

23.4.18

**SPEAKER:** Is-Sedja tibda billi titlob lill-Onor. Galea biex jagħmel referenza għall-istqarrija għall-istampa li ġiet maħruġa mill-Uffiċċju tal-Ispeaker proprju llum fir-rigward tal-artiklu msemmi mill-Onor. Membru. Kopja ta' din l-istqarrija qed tiġi mehmuża ma' din it-tweġiba.

Is-Sedja tixtieq iżżid li l-verifika li l-Iskrivan tal-Kamra huwa obbligat jagħmel skont l-Ordni Permanenti 146 tinkludi s-segwenti proċessi ta' skrutinju b'mod elettroniku u immedjat dwar jekk:

- il-firmatarju huwiex persuna li għandha karta tal-identità valida Maltija;
- il-persuna ffirmatx il-petizzjoni darba biss;
- il-firmatarju hux persuna jew hux xi *software* miktub bil-għan ewlieni li jtella' l-ammont ta' firem;
- il-firmatarju hux qed jipprova jiffirma b'dettalji personali ta' persuna oħra mingħajr il-permess ta' dik il-persuna; u
- jekk il-firmatarju hux qed jipprova jagħmel numru ta' tentattivi sabiex b'xi mod jasal biex idaħħal *data* personali li mhix tiegħu iżda li s-sistema taraha bħala valida.

Is-sistema wkoll ma tħallix li persuna tuża l-proċess ta' verifika biex issir taf min iffirma jew ma ffirmax il-petizzjoni.

Dawn huma kollha proċessi li jistgħu jikkawżaw diffikultajiet partikolarment fejn il-firmatarju jkun daħħal *data* b'mod skorrett għal iktar minn tliet darbiet. Kif ġie indikat fl-istqarrija għall-istampa, din kienet ir-raġuni għala numru ta' persuni ma setgħux jiffirmaw u kellhom jirrikorru għall-għajnuna tal-Uffiċċju tiegħi.

Is-Sedja tinforma lill-Onor. Membru li kif isir is-soltu, l-Uffiċċju tagħha jagħmel l-almu tiegħu kollu sabiex kull diffikultà li tinqala' tiġi indirizzata mill-aktar fis possibbli. Is-Sedja tassigura lill-Onor. Membru li hekk sar u hekk għadu jsir fir-rigward tal-petizzjonijiet elettroniċi – li s'issa jammontaw għal tlieta – li daħlu bis-saħħa tal-emendi riċenti li saru fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra li ppermettew lill-pubbliku jissottometti petizzjonijiet direttament lill-Parlament. F'dan ir-rigward is-Sedja tixtieq tinforma lill-Onor. Membru li anke mil-lejla stess is-sistema se tkun qed tiġi *fine tuned* mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-verifika fuq indikata. Fil-fatt l-*update* li se jsir illejla se jkun qed jara wkoll min b'xi mod xorta rnexxielu jiffirma petizzjoni għal aktar minn darba, u għaldaqstant in-numru ta' firmatarji jista' jidher li naqas. Kif diġa ġie spjegat, l-Uffiċċju dejjem jipprova jagħmel l-almu tiegħu sabiex jassigura li l-informazzjoni li tingħata tkun waħda korretta.

Fl-aħħarnet is-Sedja qiegħda tiġbed l-attenzjoni tal-Onor. Galea li l-impjegati tagħha taw u għadhom jagħtu assistenza lil kull min ikun jeħtieġ għajnuna sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu li jiffirma kull petizzjoni.

Seduta 103
23.4.18

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 180881** **23.04.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Petizzjoni parlamentari***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jagħmel referenza għal artiklu li deher fuq il-mezzi tal-*media* dwar is-sistema elettronika li permezz tagħha persuna tista' tiffirma petizzjoni fuq is-sit tal-Parlament, u dan b'referenza partikolari għall-petizzjoni dwar il-protezzjoni tal-embrijuni.

Filwaqt li ħa nota tal-ilment imqajjem, l-Uffiċċju tal-Ispeaker jixtieq jiċċara li kull simplifikar fil-proċess tal-iffirmar ma jistax isir a skapitu tal-livell ta' awtentikar li qed isir fuq kull firmatarju. Tajjeb li jingħad li t-tali verifika hija rikjesta mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u hija meħtieġa sabiex titnaqqas il-possibbiltà li persuna tipprova tiffirma billi tuża d-dettalji personali ta' ħaddieħor. Jirriżulta wkoll li mit-telefonati u l-kuntatti li saru mal-impjegati tal-Parlament, fil-maġġor parti tal-każi l-problema kienet tikkonċerna d-dħul ta' *data* b'mod skorrett jew attentati ripetuti.

Filwaqt li l-Ispeaker jinnota li bil-proċess ta' verifika attwalment implimentat, il-petizzjoni inkwistjoni diġà ġiet iffirmata minn aktar minn 8000 ruħ, qiegħed xorta jara kif jista' jiffaċilita l-proċess mingħajr ma jippreġudika l-livell ta' verifika li qed issir. Fl-aħħar nett, jixtieq jistieden lil kull min isib xi diffikultà biex jitlob l-għajnuna tal-uffiċċju tiegħu billi jċempel fuq 25596214 jew jikteb lill-Iskrivan tal-Kamra fuq clerkofthehouse@parliament.mt.

**Attachments: none** **Page: 1 of 1**

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt